Tema 5

# Pajjiżna u dinjitna




**Tagħrif għall-għalliema: Din is-silta se tesponi lill-istudenti għal lessiku li għandu x'jaqsam ma' pajjiżna u ma' numri kardinali mill-20 sal-24.**

**<u>Tema 5: Pajjiżna u dinjitna</u>**

**Silta tas-smigħ:**

**<u>Ġita madwar Malta: Programm għat-turisti</u>**

| |
|---|
| **It-Tnejn 19 ta' Lulju**- Ninżlu fl-ajruport ta' Malta fis-6.30 a.m.<br>Filgħodu: Inżuru l-belt kapitali ta' Malta, Valletta.<br>Inżuru l-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Mużew tal-Arti u tal-Gwerra.<br><br>Waranofsinhar: Immorru ngħumu fil-bajja tal-Għadira.<br><br>Filgħaxija: Immorru passiġġata Buġibba. |
| **It-Tlieta 20 ta' Lulju**- Filgħodu: Inżuru l-belt tal-Imdina. Naraw il-Villa Rumana u l-katakombi u l-Grotta ta' San Pawl fir-Rabat.<br><br>Waranofsinhar: Inżuru Tas-Sliema u nagħmlu xi xiri minn xi ħwienet.<br><br>Filgħaxija: Nieklu minn ristorant f'Tas-Sliema. |
| **L-Erbgħa 21 ta' Lulju** – Ġurnata Kemmuna. Immorru bil-lanċa. Ngħumu fil-Blue Lagoon. |
| **Il-Ħamis 22 ta' Lulju** – Ġurnata Għawdex. Inżuru ċ-Ċittadella, belt antika f'Għawdex. Nieklu ġewwa x-Xlendi. Ngħumu f'Marsalforn. |
| **Il-Ġimgħa 23 ta' Lulju** – Filgħodu: Inżuru l-Birgu u l-Mużew Marittimu.<br><br>Waranofsinhar: Inżuru l-knisja tal-Mosta.<br><br>Filgħaxija: Inżuru raħal b'festa Maltija fiż-Żurrieq. Nisimgħu l-banda u naraw il-murtali. |
| **Is-Sibt 24 ta' Lulju** – Filgħodu: Naqbdu t-titjira tat-8.00a.m. lejn il-Ġermanja. |



**Eż. A: Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal ✓ fil-kaxxa:**

1. It-Tnejn filgħodu t-turisti sejrin
   a) il-Belt Valletta. ☐
   b) l-Imdina. ☐

2. Se jgħumu fil-bajja tal-Għadira
   a) filgħodu. ☐
   b) waranofsinhar. ☐

3. It-Tlieta filgħodu t-turisti sejrin
   a) l-Imdina. ☐
   b) Kemmuna. ☐

4. It-turisti se jagħmlu x-xiri minn
   a) Buġibba. ☐
   b) Tas-Sliema. ☐

5. It-turisti sejrin Kemmuna
   a) bil-lanċa. ☐
   b) bil-vapur. ☐

6. Kemmuna t-turisti se jgħumu
   a) fil-Blue Lagoon. ☐
   b) l-Għadira. ☐

7. Id-data tal-Ħamis hi
   a) 22 ta' Lulju. ☐
   b) 23 ta' Lulju. ☐

8. Għawdex it-turisti jieklu ġewwa

a) Marsalforn. ☐

b) x-Xlendi. ☐

9. It-turisti se jżuru l-Birgu

a) l-Ġimgħa. ☐

b) il-Ħamis. ☐

10. Il-Ġimgħa t-turisti se jżuru l-knisja

a) tal-Imġarr. ☐

b) tal-Mosta. ☐

11. It-turisti sejrin il-festa

a) tar-Rabat. ☐

b) taż-Żurrieq. ☐

